VALLETTA 2018
KAPITALI EWROPEA TAL-KULTURA



Id-Dinja ta' // The World of

# ORFEO & MAJNUN

**Valletta 2018 Foundation**
Exchange Buildings
Republic Street
Valletta VLT 1117
Malta

Email: info@valletta2018.org
Telephone: (+356) 21242018

orfeoandmajnun.eu

www.valletta2018.org



# WERREJ // CONTENTS


2-4 **Orfeo & Majun: Ġrajja tal-Imħabba, it-Telfa u x-Xewqa //** Orfeo & Majnun: A Tale of Love, Loss & Longing

5 **Il-Komunità fil-Qalba //** Community at Heart

6-9 **Kun parti minn Orfeo & Majnun //** Be Part of Orfeo & Majnun

**Ħolqien tal-Annimali //** Animal Building
**Pupazzi tad-Dellijiet //** Shadow Puppetry
**Rakkontaturi //** Raconteurs

10-14 **Tieqa fuq l-Ewropa //** A Window on Europe

15-20 **Esperjenza l-Maġija //** Experience the Magic

**Rappreżentazzjoni tal-Mużika-Teatru //** Music-Theatre Performance
**Sfilata fil-Kapitali //** Parade in the City
**Skeda f'Malta //** Malta Schedule



**Orfeo & Majnun huwa kofinanzjat mill-Programm Ewropa Kreattiva tal-Unjoni Ewropea.**

Orfeo & Majnun is co-funded by the Creative Europe Programme of the European Union.



c. Giuliana Barbaro-Sant

# Orfeo & Majnun: Ġrajja tal-Imħabba, it-Telfa u x-Xewqa //
# Orfeo & Majnun: A Tale of Love, Loss & Longing

**Żewġ ġrajjiet tal-imħabba dejjiema jingħaqdu... //**
Two age-old love stories unite...

**Teatru tal-emozzjonijiet, fejn leġġendi antiki minn kulturi differenti jiltaqgħu, Orfeo & Majnun tgħaqqad żewġ stejjer tal-imħabba flimkien – dik ta' *Orpheus and Eurydice,* l-istorja Griega magħrufa ta' mħabba traġika, u *Layla and Majnun,* il-ġrajja klassika Persjana li saret magħrufa bħala r-Romeo u Ġuljetta tal-Lvant. Din il-mużika-teatru poetika timpenja ruħha ma' dawn il-leġġendi ċentrali biex tesplora t-temi eterni tal-imħabba, tat-telfa u tax-xewqa, li mbagħad jiġu rrakkontati mill-ġdid f'diversi forom minn parteċipanti minn kull mogħdija tal-ħajja.**

A theatre of emotions, where ancient myths from different cultures meet, Orfeo & Majnun brings two love stories together – that of Orpheus and Eurydice, the ultimate Greek tragic love story, and Layla and Majnun, the classic Persian tale that has come to be known as the Romeo and Juliet of the East. This poetic music-theatre engages with these central myths to explore the eternal themes of love, loss and longing, which are then retold in various forms by participants from all walks of life.

**...fi proċess kreattiv meraviljuż... //**
...in a wondrous creative process...

**Il-frott ta' dawn il-*workshops* immirati lejn il-komunità jilħaq il-qofol tiegħu f'rappreżentazzjoni tal-Mużika-Teatru finali u fl-avveniment *Sfilata fil-Kapitali* f'Ottubru tal-2018. Dawn l-attivitajiet ferrieħa joħolqu proċess uniku mmexxi mill-komunità; maħluqa minn mijiet ta' membri minn diversi komunitajiet, dawn jistiednu lill-udjenzi biex jingħaqdu fiż-żifna eterna bejn l-imħabba, it-telfa u x-xewqa, flimkien mal-mużika, vidjows, stejjer, żfin, tpinġijiet, u ħafna aktar.**

The fruit of these community-focused workshops culminates in a final Music-Theatre performance and the event *Sfilata fil-Kapitali* (Parade in the Capital) in October 2018. These joyful events make up a community-driven process like no other; created by hundreds of members from diverse communities, they invite audiences to join the eternal dance between love, loss and longing, with music, song, video, stories, dance, drawing, and much more.

**...b'ispirazzjoni minn stejjer dejjiema tal-imħabba, tat-telfa u tax-xewqa. //**
...inspired by timeless stories of love, loss and longing.

**Il-maħbubin mifruda Layla u Majnun u x-xewqa inevitabbli li twassal lil Orpheus imur fi vjaġġ fid-dinja ta' taħt l-art biex iġib lura lill-maħbuba tiegħu Eurydice: dawn l-istejjer mitiċi jservu biex juru li x-xewqa hija xi ħaġa li kulħadd jesperjenza kuljum. Isseħħ meta naħsbu fil-passat, meta naħsbu fi mħabba li spiċċat, jew meta naħsbu dwar futur aħjar. Proġett komunitarju bħal dan jgħin lil dawk li jipparteċipaw biex jesprimu dawn ix-xewqat fi kliem, fil-mużika, fis-snajja' u f'diversi forom tal-arti oħrajn.**

Parted lovers Layla and Majnun and the inescapable desire that drives Orpheus to take a leap into the underworld to recover his beloved Eurydice: these mythical stories serve to show that longing is something everyone experiences every single day. It happens whenever we think of times past, of a love lost, or a better future. A community project such as this helps those participating to express these longings in words, in music, in crafts and through various other art forms.


c. Hugo Segers



c. Vincent Beaume

# Il-Komunità fil-Qalba // Community at Heart

**Il-proġett Orfeo & Majnun ma jistax ikun ta' suċċess mingħajr il-komunitajiet diversi madwar Malta u Għawdex. Huma l-istejjer, il-kreattività, il-viżjoni u l-kontribut tagħhom li ħolqu prodott artistiku fi proġett parteċipatorju bħal dan. Irrispettivament mil-livell ta' esperjenza, talent artistiku, jew abbiltà, dan il-proġett dejjem laqa' u se jibqa' jilqa' lil kulħadd biex jipparteċipa fih.**

**Orfeo & Majnun, li huwa proġett ta' natura interdixxiplinari, jinvolvi diversi forom ta' arti, filwaqt li jirreferi għall-isfidi attwali soċjali, kulturali u urbani. Jinvolvi komunitajiet, artisti professjonali u dawk ċittadini, u gruppi fir-riskju ta' iżolament jew esklużjoni soċjali.**

The Orfeo & Majnun project would not be a success without the diverse valued communities in Malta and Gozo. Their stories, their creativity, their vision and their contribution helped create an artistic product in a participatory project such as this one. No matter the level of experience, artistic talent, or ability, everyone is and has always been welcome to participate in this project.

Interdisciplinary by nature, Orfeo & Majnun involves multiple art forms, referring to current social, cultural, and urban challenges. It involves communities, professional and citizen artists, and groups at risk of social isolation or exclusion.




# Kun Parti minn Orfeo & Majnun // Be Part of Orfeo & Majnun

c. Christabel Vella

**Orfeo & Majnun jipprovdi diversi opportunitajiet għall-parteċipazzjoni komunitarja. Kulħadd huwa mistieden jingħaqad magħna u jgawdi din l-esperjenza unika!**

Orfeo & Majnun provides many opportunities for community participation. Everyone is welcome to join in and enjoy this unique experience!



c. Daniel Arbaczewski

## Ħolqien tal-Annimali // Animal Building

**Matul il-*workshops* fejn qed jinħolqu pupazzi tal-annimali, parteċipanti diversi qed jagħtu l-ħajja lill-annimali mitiċi sinonimi ma' Orfeo & Majnun. Bl-għajnuna tal-parteċipanti, l-annimali se jduru madwar it-toroq u l-pjazez tal-Belt f'parata meraviljuża, *Sfilata fil-Kapitali*, fis-27 t'Ottubru 2018. Il-*workshops* ma' diversi komunitajiet jinsabu għaddejjin bħalissa, fejn il-parteċipanti bnew annimali mill-isbaħ għal din il-parata, u se jkunu qed janimawhom u jmexxuhom madwar il-Belt Valletta.**

**Għadek tista' tipparteċipa f'din l-attività maġika! Biex tiskopri kif, irreġistra l-interess tiegħek billi tibgħat email fuq orfeoandmajnun@valletta2018.org.**

During animal building workshops, participants from all walks of life are bringing mythical animals synonymous with Orfeo & Majnun to life. With the help of the participants, the animals will be set free in a wondrous parade that will make its way through the streets and squares of Valletta during *Sfilata fil-Kapitali* (Parade in the Capital) on the 27th October, 2018. Workshops with various communities are currently underway, where participants have built their own beautiful animals for the parade, and will be animating them and bringing them to life in Valletta.

You can still participate in this magical activity! To find out how you can take part, register your interest by sending an email to orfeoandmajnun@valletta2018.org.



c. Hugo Segers

c. Vincent Beaume

## Pupazzi tad-Dellijiet // Shadow Puppetry

**Il-pupazzi tad-dellijiet jagħmlu parti minn forma teatrali antika ħafna, bl-għeruq ritwali tagħha fil-kulturi Asjatiċi, u din il-forma ta' arti hija wkoll il-prekursur tal-films animati diġitali moderni. Fl-edizzjoni ta' Orfeo & Majnun f'Malta, se nkunu qed nużaw xi wħud mill-elementi ta' din il-forma artistika tradizzjonali fuq il-palk. L-udjenzi jistgħu jistennew diversi sorpriżi pjaċevoli matul l-ispettaklu, grazzi għal skrin tad-dellijiet u pupazzi animati minn parteċipanti matul ir-rappreżentazzjoni.**

Shadow puppetry is an ancient theatre form with ritual roots in Asian cultures, and is also the analogue forerunner of modern digital animation movies. In the Malta edition of the Orfeo & Majnun music-theatre piece, we will be using some elements of this traditional artform on stage. Audiences can indeed expect some delightful surprises during the show, thanks to a shadow screen and puppets manned by participating puppeteers during the performance.



c. Paul Fenech

c. Yvette Buhagiar

## Rakkontaturi // Raconteurs

**Sabiex jingħaqdu flimkien il-leġġenda antika Griega ta' Orpheus u Eurydice u l-istorja ta' mħabba Persjana ta' Layla u Majnun, saru diversi *workshops* li jittrattaw diversi aspetti. Dawn il-*workshops*, li jiffukaw fuq ir-rakkont u l-ħidma mill-ġdid ta' dawn l-istejjer klassiċi, huma mmexxija minn artisti li ġejjin minn ġeneri differenti, u matulhom jiggwidaw liċ-ċittadini parteċipanti ta' diversi ġenerazzjonijiet u sfondi. Il-*workshops* jintroduċu t-temi u l-istejjer ta' Orfeo & Majnun lill-komunitajiet sabiex jiżviluppaw rabtiet bejn il-komunitajiet u l-proġetti, li jippermetti lill-komunitajiet jipparteċipaw fi proċess kollaborattiv ta' ħolqien mifrux fost ġeneri differenti. Il-frott tal-*workshops* se jintwera fi preżentazzjoni finali tal-kontribuzzjonijiet tal-komunitajiet f'Ottubru tal-2018.**

In order to fuse the ancient Greek myth of Orpheus and Eurydice with the Persian love story of Layla and Majnun, various multi-faceted workshops have been taking place. These workshops, which focus on creating retellings and reworkings of these classical stories, are led by artists stemming from different genres, who in turn guide participating citizens from various generations and backgrounds. The workshops have been introducing the themes and stories of Orfeo & Majnun to the communities in order to develop links between the communities and the project, which enables communities to participate in a collaborative co-creation process across different genres. The fruit of the workshops will be showcased in a final presentation of the communities' contributions in October 2018.

## **Tieqa fuq l-Ewropa //**
## A Window on Europe

**Il-proġett Orfeo & Majnun f'Malta huwa kollaborazzjoni ma' diversi entitajiet fl-Ewropa, u se jittella' f'diversi postijiet, kull wieħed minnhom bl-elementi uniċi tiegħu, li jinkludi lingwi differenti u parteċipanti diversi. Il-proġett bħalissa jinsab fi stadji tal-produzzjoni differenti madwar l-Ewropa.**

The Orfeo & Majnun project in Malta is a collaboration with various European entities, and it extends to various locations, each with their own unique elements, including different languages and diverse participants. The project is currently at different stages of production across Europe.

c. Hugo Segers






**It-*Théâtre Royal de la Monnaie* huwa t-teatru tal-opri federali tal-Bejġju, li jinsab fi Brussell, b'reputazzjoni internazzjonali għall-produzzjoni ta' opri, żfin, kunċerti u reċti. Ir-rappreżentazzjonijiet tal-Mużika-Teatru ta' Orfeo & Majnun u l-isfilata ttellgħu f'Ġunju tal-2018.**

The *Théâtre Royal de la Monnaie* is the federal opera house of Belgium, located in Brussels, with an international reputation for producing operas, dances, concerts and recitals. The Orfeo & Majnun Music-Theatre performances and parade were held in June 2018.

**_Santa Maria Da Feira_ (SMF) u l-_Imaginarius Street Festival_ se jippreżentaw din l-attività kulturali ma' msieħba internazzjonali, fil-kuntest tal-arti performattiva u bħala parti minn festival prestiġjuż tat-teatru tat-triq. O&M jifforma parti minn strateġija globali, bil-pilastru l-ġdid _Caixa das Artes Project_, ekosistema kulturali ġdida li hija l-bażi ta' filosofija olistika ta' żvilupp integrat. SMF se toffri residenzi għal artisti Ewropew żgħar u tibgħat artisti lokali f'residenzi barra mill-pajjiż.**

*Santa Maria Da Feira* (SMF) and the I*maginarius Street Festival* will present this cultural event with international partners, in the context of performing arts and part of a prestigious street theatre festival. O&M is part of a global strategy, with its new pillar *Caixa das Artes Project*, a new cultural ecosystem that underlies a holistic philosophy of an integrated development. SMF will offer residencies to young European artists and send local artists to residencies abroad.

c. Brunnenpassage, Vienna





c. Julia Wesely

**Il-_Wiener Konzerthaus_, Vjenna, bi sħubija ma' _Brunnenpassage_ u _Basis.Kultur.Wien_, se torganizza serje ta' _workshops_ kreattivi u interdixxiplinari, li jinvolvu lill-komunitajiet madwar il-belt. F'Ġunju tal-2019 dawn jilħqu l-qofol tagħhom f'parata kbira, li se ssir f'diversi postijiet, u r-rappreżentazzjoni tal-mużika-teatru fil-Great Hall fil-_Wiener Konzerthaus._**

The *Wiener Konzerthaus*, Vienna, in partnership with *Brunnenpassage* and *Basis.Kultur.Wien* will organise a series of creative, interdisciplinary workshops, involving communities across the city. In June 2019 these will culminate in a great parade, taking place in several neighbourhoods, and the music-theatre performance in the Great Hall at the *Wiener Konzerthaus.*

***Operadagen Rotterdam* (OR) se twassal l-għarfien espert tagħha fil-koproduzzjoni u l-ikkummissjonar fl-opri, kif ukoll it-tradizzjoni tagħha li tippreżenta firxa wiesa' ta' teatru mużikali u produzzjonijiet operatiċi b'modi diretti u mhux konvenzjonali lill-udjenzi. OR se tingħaqad mal-partijiet interessati u mal-komunitajiet tal-migranti differenti tal-belt, kif ukoll mal-akkademji eċċellenti lokali viżivi u tal-arti performattiva. OR se tikkordina l-kollaborazzjoni ma' *La Monnaie* bħala msieħeb ewlieni, u se tikkontribwixxi għall-istrateġija tal-komunikazzjoni ġenerali.**

*Operadagen Rotterdam* (OR) will bring its coproduction and opera commissioning expertise, as well as its tradition of presenting a diverse range of music theatre and opera productions in direct and unconventional ways to audiences. OR will connect with different stakeholders and migrant communities in the city, as well as with the excellent local visual and performing arts academies. OR will coordinate the close collaboration with *La Monnaie*, as leading partner, and contribute to the overall communication strategy.





**Il-*Krakowskie Biuro Festiwalowe* fi Kraków qed tipprepara għall-proġett Orfeo & Majnun għall-istaġun 2019/2020. L-artist f'residenza Pollakk Daniel Arbaczewski żar Brussell biex jipparteċipa fi provi u jibni netwerk ta' kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet u artisti Belġjani.**

The *Krakowskie Biuro Festiwalowe* in Kraków is preparing for the Orfeo & Majnun project for the 2019/2020 season. Polish artist in residence Daniel Arbaczewski visited Brussels to participate in rehearsals and build a cooperation network with Belgian institutions and artists.





c. Giuliana Barbaro-Sant





**Kull sena sa mill-1948, il-*Festival d'Aix-en-Provence* (Franza) dejjem kellu programm b'diversità kbira. Fl-24 ta' Ġunju 2018, ittellgħet l-isfilata ta' Orfeo & Majnun f'Cours Mirabeau, Aix-en-Provence u fi Quel Amour f'Arles.**

Every year since 1948, the *Festival d'Aix-en-Provence* (France) has boasted a programme of great diversity. On the 24th June 2018, the Orfeo & Majnun parade took place in Cours Mirabeau, Aix-en-Provence and in Quel Amour in Arles.




# **Esperjenza l-Maġija //** Experience the Magic

**Orfeo & Majnun jipprovdi diversi opportunitajiet għall-parteċipazzjoni komunitarja. Kulħadd huwa mistieden jingħaqad magħna u jgawdi din l-esperjenza unika!**

Orfeo & Majnun provides many opportunities for community participation. Everyone is welcome to join in and enjoy this unique experience!

## **Rappreżentazzjoni tal-Mużika-Teatru Orfeo & Majnun //** Orfeo & Majnun Music-Theatre Performance

**19 u 20 ta' Ottubru 2018 //** 19th & 20th October 2018
**Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-Belt Valletta //** Mediterranean Conference Centre, Valletta

## **Sfilata fil-Kapitali //** Parade in the Capital

**27 ta' Ottubru 2018 //** 27th October 2018
**Madwar il-Belt Valletta //** Around Valletta




# Rappreżentazzjoni tal-Mużika-Teatru // Music-Theatre Performance

**19 u 20 ta' Ottubru 2018 //** 19th & 20th October 2018

**Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-Belt Valletta //**

Mediterranean Conference Centre, Valletta

**Miktub mill-perspettiva ta' Layla u Eurydice, dan it-teatru tal-emozzjonijiet jgħaqqad artisti u mużiċisti professjonali flimkien ma' diversi persuni b'livell mużikali u abbiltajiet differenti li se jipparteċipaw fil-kor, fl-animazzjoni tal-pupazzi tad-dellijiet, fl-animazzjoni tal-annimali  u aktar. Ir-rappreżentazzjoni twassal lill-udjenzi rakkont mill-ġdid, li jinkludi espressjoni mwassla permezz ta' diversi aspetti; in-narrazzjoni tinseġ flimkien il-Malti, l-Ingliż u l-Għarbi, filwaqt li l-mużika tgħaqqad stili orjentali u oċċidentali, bil-mużika ta' Dick van der Harst, Moneim Adwan u Howard Moody. Dan kollu fl-isfond ta' Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, bini tas-sittax-il seklu li xi darba serva bħala sptar għall-Ordni ta' San Ġwann, u wieħed mill-aktar binjiet storiċi importanti fil-Belt Valletta.**

Written from the perspective of Layla and Eurydice, this theatre of emotions unites professional performers and musicians together with people with different musical levels and abilities participating in the chorus, in animated shadow puppetry, as animal puppet animators, and more. The performance brings audiences a new retelling expressed through multiple textures; the narration interweaves Maltese, English and Arabic, while the score combines oriental and occidental styles, with music composed by  Dick van der Harst, Moneim Adwan, and Howard Moody. All set inside the majestic Mediterranean Conference Centre, a 16th century building which once served as a hospital to the Order of St John, and one of the most remarkable landmarks in Valletta.




# **Sfilata fil-Kapitali //** Parade in the Capital

**27 ta' Ottubru 2018 //** 27th October 2018

**Madwar il-Belt Valletta //** Around Valletta

c. Giuliana Barbaro-Sant

***Sfilata fil-Kapitali*** **hija l-pjattaforma għall-preżentazzjonijiet maħluqa miċ-ċittadini. L-isfilata, li se tittella' fil-Belt Valletta, se tinkludi l-parteċipazzjoni ta' mijiet ta' ċittadini minn diversi komunitajiet, baned, mużiċisti, rakkontaturi tal-istejjer, żeffiena, korijiet u aktar. Din l-isfilata fantastika se twasslilna taħlita sħiħa ta' pupazzi tal-annimali, animati mill-parteċipanti, li se jduru dawra meraviljuża madwar it-toroq tal-Belt Valletta. Il-parteċipanti se jmorru minn triq għal oħra, minn kantuniera sa kantuniera, filwaqt li jiltaqgħu ma' sorpriżi fil-forma ta' mużika, żfin, rappreżentazzjonijiet qosra, rakkontar tal-istejjer, daqq tal-mużika, baned, u diversi forom oħra ta' espressjoni artistika matul il-mogħdija tagħhom.**

*Sfilata fil-Kapitali* (Parade in the Capital) is the platform for citizen-created presentations. Taking place in Valletta, the parade will see the participation of hundreds of citizens from various communities: band club members, musicians, storytellers, dancers, choirs and more. This fantastic parade sees a whole menagerie of animal puppets animated by participants taking a marvellous stroll through the streets of Valletta. Participants will go from street to street and from corner to corner, meeting surprises in the form of song, dance, short performances, storytelling, music-making, bands and many other forms of artistic expression.




## Wirja esklussiva ta' Orfeo & Majnun waqt Notte Bianca! //
An exclusive preview of Orfeo & Majnun during Notte Bianca!

**6 ta' Ottubru //** 6th October 2018

**Il-Barrakka t'Isfel, Il-Belt Valletta //** Lower Barrakka Gardens, Valletta

**Matul l-edizzjoni ta' din is-sena ta' Notte Bianca (6 ta' Ottubru 2018), żur il-Barrakka t'Isfel fil-Belt Valletta biex tiskopri x'jinvolvi l-proġett. Tista' titgħallem ukoll toħloq l-annimali mitiċi tiegħek marbuta ma' Orfeo & Majnun.**

During this year's edition of **Notte Bianca** (6th October 2018), visit the Lower Barrakka Gardens in Valletta to find out what the project is all about. You can also learn how to build your own mythical animals associated with Orfeo & Majnun.

# **Skeda //** Schedule

**Kun parti minn dan il-proġett uniku billi tagħti ħarsa lejn l-iskeda tal-proġett hawn taħt, tipparteċipa f'wieħed mill-*workshops* miftuħa ta' Orfeo & Majnun u tasal wasla sal-Belt Valletta għar-rappreżentazzjoni tal-mużika-teatru prinċipali ta' Orfeo & Majnun u għal 'Sfilata fil-Kapitali' f'Ottubru tal-2018!**

Be a part of this unique project by checking out the project schedule below, participate in one of the Orfeo & Majnun open workshops by heading to Valletta for Orfeo & Majnun's final music-theatre performance and '*Sfilata fil-Kapitali'* (Parade in the Capital) in October 2018!

| **Data //** Date | **Attività //** Activity | **Post //** Location |
|---|---|---|
| 09-09-2018 | ***Workshop* miftuħ għall-Ħolqien tal-annimali //** Open animal building workshop *(p. 7)* | **Swieqi Fest 2018, Swieqi** |
| 15-09-2018 | ***Workshop* miftuħ għall-Ħolqien tal-annimali //** Open animal building workshop *(p. 7)* | **Pjazza Sant'Anna, Tas-Sliema //** St Anne's Square, Sliema |
| 29-09-2018 | ***Workshop* miftuħ għall-Ħolqien tal-annimali //** Open animal building workshop *(p. 7)* | **Żejt iż-Żejtun, Żejtun** |
| 06-10-2018 | ***Workshop miftuħ* għall-Ħolqien tal-annimali //** Open animal building workshop *(p. 7, 18)* | **Notte Bianca, il-Belt Valletta Il-Barrakka t'Isfel, //** Lower Barrakka Gardens, Valletta |
| 14-10-2018 | ***Workshop* miftuħ għall-Ħolqien tal-annimali //** Open animal building workshop *(p. 7)* | **Ġenna ta' Ġonna, il-Furjana //** Floriana |
| 19-10-2018 | **Rappreżentazzjoni mużika-teatru //** Music-theatre performance *(p. 16)* | **Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, il-Belt Valletta //** Mediterranean Conference Centre, Valletta |
| 20-10-2018 | **Rappreżentazzjoni mużika-teatru //** Music-theatre performance *(p. 16)* | |
| 27-10-2018 | **Sfilata fil-Kapitali //** Parade in the City *(p. 17)* | **Il-Belt Valletta //** Valletta |




c. Hugo Segers


# **Ringrazzjamenti //** Acknowledgements:

**Maħluq minn //** Created by: **Valletta 2018, La Monnaie (BEL), Le Festival International d'Art Lyrique d'Aix-en-Provence (FRA); Organizzat minn //** Organised by: **Valletta 2018; Bil-kollaborazzjoni ta' //** In collaboration with: **Spazju Kreattiv, La Monnaie (BEL), Le Festival International d'Art Lyrique d'Aix-en-Provence (FRA), Wiener Konzerthausgesellschaft (AUT), Krakowskie Biuro Festiwalowe (POL), Operadagen Rotterdam (NLD), Santa Maria da Feira (PRT); Kofinanzjat mill- //** Co-funded by: **Programm Ewropa Kreattiva tal-Kummissjoni Ewropea (the Creative Europe Programme of the European Commission)**

**Orfeo & Majnun huwa kofinanzjat mill-Programm Ewropa Kreattiva tal-Unjoni Ewropea.**

Orfeo & Majnun is co-funded by the Creative Europe Programme of the European Union.

ORFEO MAJNUN

L-informazzjoni f'dan il-ktejjeb kienet korretta qabel intbagħtet għall-istampar. Il-Fondazzjoni Valletta 2018 tirriserva d-dritt li temenda dati u dettalji oħra tal-attivitajiet tagħha f'kull ħin. //
The information in this booklet was correct at the time of going to print. Valletta 2018 reserves the right to amend dates and other event details at any time.

KAPITALI EWROPEA TAL-KULTURA

SPAZJU KREATTIV ST JAMES CAVALIER

Kofinanzjat mill-Programm tal-Unjoni Ewropea Ewropa Kreattiva

FSC

VALLETTA 2018 PREMIUM PARTNERS BOV Bank of Valletta Bavaria Coca-Cola

ORFEO MAJNUN

Kofinanzjat mill-Programm
tal-Unjoni Ewropea
Ewropa Kreattiva